ST. FRANCIS SECONDARY SCHOOL

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA .

| FORM 1 | SUĠĠETT: IL-MALTI | TIME: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

Isem: ______________________ Klassi: ______ Index No. _____

A. **Komponiment** (20 marka)

Agħżel wieħed minn dawn it-titli u ikteb madwar 200 kelma fuqu.
Uża karta separata, agħmel il-pjan u taqbiżx linja.

1. Dak li ġara darba f'lejla sajfija.
2. Safra ta' ġimgħa.
3. Il-ġmiel tan-natura.
4. Immaġina li int għasfur maħrub. Tkellem dwar l-istorja tiegħek.

B. **Taħriġ il-Fehem** (15-il marka)

***Foresta 2000***

Sakemm ġie l-bniedem f'Malta, pajjiżna wisq probabbli kien mimli siġar. Imma meta wasal il-bniedem, xi 7,000 sena ilu, dawn l-imsaġar inqerdu u sal-lum, pajjiżna għadu nieqes ħafna mis-siġar.

Xi ħmistax-il sena ilu, *Birdlife Malta* bdiet taħseb biex tħawwel masġar kbir fit-Taflija, medda art bejn it-Torri l-Aħmar u r-Riserva Naturali tal-Għadira. It-taħwil tas-siġar ma sarx f'daqqa, imma nfirex fuq numru ta' snin. Meta l-proġett jitlesta, ikun fih xi tliet darbiet daqs il-Buskett. Is-siġar li tħawlu tkabbru miż-żerriegħa u ntużaw biss siġar li jikbru fil-kampanja Maltija, bħall-Ballut u ż-Żnuber. Tħawlu wkoll eluf ta' arbuxelli (pjanti li jogħlew xi metru 'l fuq mill-art u aktarx jikbru f'għamla tonda). Fost dawn insibu d-Deru u Ċ-Ċistu. Sabiex il-ħamrija ma tkomplix titkaxkar mal-ilma wara kull maltempata, inbnew ħafna ħitan tas-sejjieħ.



ST. FRANCIS SECONDARY

Id-daħla ewlenija għal dan il-post qiegħda fuq ix-xellug tat-triq li mill-Għadira tagħti għaċ-Ċirkewwa, eżatt fejn jispiċċaw il-kmamar il-ħodor. Importanti li min iżur il-post jimxi fil-passaġġi biss, biex ma ssirx ħsara lill-art. Kif tkunu hawnhekk, żuru wkoll it-Torri l-Aħmar li hemm fil-quċċata tal-għolja kif ukoll ir-Riserva tal-Għadira, li tkun miftuħa għall-pubbliku fi tmiem il-ġimgħa minn Novembru sa Mejju.

Post ieħor ta' sbuħija liema bħalha iżda din id-darba f'Għawdex, huwa Ta' Ċenċ. Inti u dieħel f'Ta' Ċenċ, fuq in-naħa tax-xellug għandek tgawdi veduti sbieħ tax-Xewkija, tal-wied ta' Mġarr ix-Xini u iktar 'il bogħod, taċ-Ċittadella. Iktar 'il ġewwa għandek tara taħtek veduta stupenda tal-Imġarr u l-fliegu. Imferrxin fix-xagħri hemm ħafna fdalijiet preistoriċi, l-aktar menħir u dolmens.

Ta' Ċenċ huwa magħruf l-iktar għall-irdumijiet, l-ogħla fil-gżejjer Maltin. F'dawn l-irdumijiet ibejtu għadd ta' għasafar tal-baħar, fosthom mijiet ta' pari ta' Ċief. Minkejja l-għoli tal-irdum, fl-antik kien hemm sajjieda li kienu jixxabbtu bil-ħbula, jieqfu fuq ix-xifer dejjaq u jqattgħu l-ġurnata jistadu. Dan ma kienx isir għall-gost imma minħabba l-faqar, biex b'dak li jaqbdu jaqilgħu xi ħaġa żejda tal-flus.

(artiklu meħud minn *Tagħna t-Tfal*)

<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:</u>

1. X'ġara mal-wasla tal-bniedem f'Malta?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. X'iddeċidiet li tagħmel il-*Birdlife*?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

ST. FRANCIS SECONDARY

3. Xi kemm se jkun kbir il-proġett ladarba jitlesta?

4. Semmi erba' tipi ta' siġar li wieħed isib f'dan il-masġar.

5. X'jiġri lill-ħamrija fil-maltemp, u x'sar biex dan jiġi evitat?

6. Fejn jinsab Ta' Ċenċ?

7. X'jista' wieħed jara fix-xagħri?

8. Għal xiex hu magħruf Ta' Ċenċ?

9. Fl-antik min kien jagħmel użu minn Ta' Ċenċ u kif?

ST. FRANCIS SECONDARY

## C. GRAMMATIKA

i) Imla l-vojt bil-partiċelli meħtieġa (15-il marka)

1. Staqsejna __________ ġirien setgħux jgħinuna.
2. Carla wieġbet _________ għalliema.
3. Libsa __________ ta' Marija ma nista' nsib imkien.
4. Tajt lura l-ktieb _______ librar wara li kont ħadtu _______ ġimgħa.
5. Illum imxejtha ________ Belt ______ Ħamrun.
6. Wara li ħriġt l-imqass _______ kexxun, qegħedtu ______ basket.
7. ______ familja tagħna qegħdin ħamsa.
8. Xtrajt rigal __________ kuġinti u ieħor _________ ħabiba ______ qalb tiegħi.
9. _______ festin ta' għeluq snini nixtieq ______ ġenituri tiegħi jixtruli kejk kbir.

ii) Oħroġ NOMI minn dawn l-għeruq (10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. ż-r-b-n | | 6. s-b-ħ | |
| 2. t-f-l | | 7. k-t-b | |
| 3. s-ħ-b | | 8. ġ-l-d | |
| 4. ħ-r-ġ | | 9. r-ġ-l | |
| 5. b-w-b | | 10. ħ-s-l | |

ST. FRANCIS SECONDARY

iii) Ikteb kull Nom fil-kolonna t-tajba (10 marki)

| NOM | NOMI DETERMINAT | NOMI INDETERMINAT |
|---|---|---|
| 1. mogħoż | | |
| 2. il-karti | | |
| 3. nies | | |
| 4. larinġ | | |
| 5. tfal | | |
| 6. l-għasafar | | |
| 7. ir-ramel | | |
| 8. fjuri | | |
| 9. l-ilma | | |
| 10. l-istilel | | |

ST. FRANCIS SECONDARY

## D: POEŻIJA (10 marki)

1. Agħżel poeżija WAĦDA li studjajt dis-sena, għid min hu l-poeta tagħha u ikteb il-ħsieb tagħha.